

Il-Ġurnal Uffiċjali L 175

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

10 ta' Lulju 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1426 tat-3 ta' Lulju 2023 li jirreġistra isem fir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Sebadas/Seadas/Sabadas/Seattas/Savadas/Sevadas di Sardegna" (IĠP))** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1427 tal-4 ta' Lulju 2023 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda** 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1428 tas-7 ta' Lulju 2023 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 rigward il-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) ⁽¹⁾** 6
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1429 tas-7 ta' Lulju 2023 li japprova l-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 12

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni (UE) 2023/1430 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju — EGF/2022/002 BE/TNT** 15
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1431 tat-30 ta' Ġunju 2023 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97** 17

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1432 tas-7 ta' Lulju 2023 dwar l-estensjoni tal-azzjoni meħuda mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sustanzi Kimiċi li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2023) 4493).....	24
--	----

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1426

tat-3 ta' Lulju 2023

li jirreġistra isem fir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Sebadas/Seadas/Sabadas/Seattas/Savadas/Sevadas di Sardegna" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba tal-Italja biex l-isem "Sebadas/Seadas/Sabadas/Seattas/Savadas/Sevadas di Sardegna" jiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾.
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenhtiegħ għalhekk li l-isem "Sebadas/Seadas/Sabadas/Seattas/Savadas/Sevadas di Sardegna" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Sebadas/Seadas/Sabadas/Seattas/Savadas/Sevadas di Sardegna" (IĠP) huwa rreġistrat fir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 2.3. Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara u l-Klassi 2.5. Għaġin tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 103, 20.3.2023, p. 17.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1427**tal-4 ta' Lulju 2023****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Folji tal-azzar mhux illigat illaminati ċatti, wisgħin bejn 1 060 u 1 250 mm, ippreżentati mkebbin fuq irkiekel. Il-folji għandhom diversi kisjiet fuq kull naħa.</p> <p>Il-kisi f'kuntatt mal-azzar huwa aluminju-żingu (il-folji huma galvanizzati f'banju sħun u l-ħxuna ta' saff Al-Zn fuq iż-żewġ naħat hija ta' madwar 4 µm). Dan il-kisi jagħti lill-azzar reżistenza akbar għall-korrużjoni atmosferika.</p> <p>Wara, il-folji jinżebgħu minn qabel. Jinksew fuq naħa waħda b'żebgħa polimerika primitura (bi ħxuna ta' madwar 5 µm) u b'żebgħa polimerika ta' fuq (bi ħxuna ta' madwar 16 µm). Fuq in-naħa l-oħra, hemm żebgħa polimerika tal-epossi esterna (bi ħxuna ta' madwar 5 µm).</p> <p>Il-folji jintużaw fl-industrija tal-kostruzzjoni.</p>	7210 70 80	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 3 tat-Taqsima XV, in-Nota 1(k) tal-Kapitolu 72 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 7210, 7210 70 u 7210 70 80.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, l-oġġetti jissodisfaw it-termini tal-intestatura 7210, li tkopri l-prodotti llaminati ċatti li huma imlibbsa, maħsula jew miksija.</p> <p>Għall-finijiet tas-subintestaturi tal-intestatura 7210, il-prodotti soġġetti għal aktar minn tip wieħed ta' kisi, ħasil jew tlibbis għandhom ikunu kklassifikati f'konformità mal-aħħar proċess (ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 7210, in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Subintestatura).</p> <p>Għalhekk, il-folji għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 7210 70 80 bħala prodotti llaminati ċatti tal-azzar mhux illigat, wisgħin 600 mm jew aktar, miżbugħin, mogħtijin il-verniċi jew miksijin bil-plastik.</p>

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1428**tas-7 ta' Lulju 2023****li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 rigward il-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (2) L-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel jistgħu jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni minn Stat Membru jew minn parti interessata.
- (3) Il-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) hija sustanza awtorizzata f'oġġetti tal-ikel diversi, f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (4) Fis-26 ta' Settembru 2017, l-Awtorità ħarġet opinjoni xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) bħala addittiv tal-ikel ⁽⁴⁾, fejn ikkonkludiet li ma kienx hemm bżonn ta' konsum aċċettabbli ta' kuljum numeriku u li l-addittiv tal-ikel ma kien qajjem ebda tħassib għas-sikurezza meta jintuża fl-ikel għall-popolazzjoni ġenerali. L-awtorità esprimiet il-fehma li l-użi fl-ikel għat-trabi taħt l-età ta' 16-il ġimgħa jkunu jeħtieġu valutazzjoni tar-riskju speċifika. L-Awtorità rrakkomandat xi modifiki fl-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel E471 stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012.
- (5) Wara l-pubblikazzjoni ta' dik l-opinjoni xjentifika, bħala parti mill-valutazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza tal-addittivi tal-ikel permessi fil-kategorija tal-ikel 13.1 (ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tindirizza l-lakuni fid-*data* speċifikati fir-rakkomandazzjonijiet ta' dik l-opinjoni xjentifika.
- (6) Fid-29 ta' Novembru 2018, l-Awtorità nediet sejħa pubblika għal *data* teknika u tossikoloġika dwar l-addittiv tal-ikel E471. Dan offra l-opportunità lill-partijiet interessati jipprovdu l-informazzjoni mitluba għat-tlestija tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha ta' E471 bħala addittiv tal-ikel fl-ikel għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni u li jivvalutaw is-sikurezza tiegħu meta jintuża fl-ikel għat-trabi ta' taħt is-16-il ġimgħa.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

⁽⁴⁾ EFSA Journal 2017;15(11):5045.

- (7) Fl-2020, kien hemm notifika tal-RASFF dwar sejbiet ta' livelli għoljin ta' esteri tal-aċidi grassi gliċidiliċi ġenotossiċi u karċinoġeniċi (espressi bħala gliċidol) fl-addittiv tal-ikel E471 użat fil-produzzjoni ta' dilka għall-ħobż. Abbażi ta' dik in-notifika u sakemm isiru r-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità għall-iffissar tal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi fl-addittiv tal-ikel, ittieħdu azzjonijiet ta' segwitu abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾. F'kampjuni kummerċjali tal-addittiv tal-ikel analizzati mill-industrija bi tweġiba għas-sejħa għad-data matul l-istess perjodu instabet firxa wiesgħa ta' konċentrazzjonijiet u livelli għoljin ta' esteri gliċidiliċi (espressi bħala gliċidol).
- (8) Meta jitqies li l-addittiv tal-ikel E 471 huwa awtorizzat fil-kwantitajiet *quantum satis* fil-kategoriji tal-ikel li għalihom huwa previst li jiġu ffixxati livelli massimi għall-preżenza tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi, jew li diġà huma fis-seħħ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) fl-addittiv tal-ikel E471 biex jiġi evitat it-tqegħid fis-suq ta' ikel mhux sikur.
- (9) Fl-opinjoni xjentifika tagħha adottata fit-30 ta' Settembru 2021 ⁽⁶⁾, l-Awtorità kkonkludiet li ma hemmx lok ta' tħassib dwar is-sikurezza meta l-addittiv tal-ikel E471 jintuża fil-kategoriji tal-ikel 13.1.1 (formuli tat-trabi) u 13.1.5.1 (ikel djetetiku għat-trabi għal skopijiet mediċi speċjali u formuli speċjali għat-trabi) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u f'konformità mal-Anness III ta' dak ir-Regolament. L-awtorità rrakkomandat li l-ispeċifikazzjonijiet attwali għall-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) jiġu adattati, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-limiti massimi għall-elementi tossiċi u jiddaħħlu l-limiti massimi għall-impurità u għall-kostitwenti li jqajmu tħassib dwar is-sikurezza.
- (10) Għalhekk, fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-Awtorità u l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel kif stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 ⁽⁷⁾, jixraq li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet għall-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471). Id-definizzjoni tal-addittiv tal-ikel jenħtieġ li tiġi emendata sabiex l-użu tal-gliċerol għall-produzzjoni tal-addittiv tal-ikel jiġi ristrett għall-gliċerol li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-addittiv tal-ikel E422. Jenħtieġ li jiġi stabbilit kontenut massimu ta' aċidu eruċiku fl-entrata attwali "assaġġ" għall-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E471). Jenħtieġ li jitnaqqsu l-limiti massimi attwali għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju u għall-kadmju u li jiġu stabbiliti l-limiti massimi għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi (espressi bħala 3-MCPD), u għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) f'konformità mal-opinjoni tal-Awtorità. Sabiex jiġi eskluż esponiment għoli għal dawk l-impurità u l-komponenti ta' tħassib li jirriżultaw mill-konsum tal-ikel li fih l-addittiv tal-ikel E 471 minn konsumaturi vulnerabbli, jeħtieġ li jiġu stabbiliti limiti massimi aktar stretti għall-aċidu eruċiku u għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi (espressi bħala 3-MCPD) applikabbli għall-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar ⁽⁸⁾. Dawk il-limiti massimi jqisu l-livell li attwalment jista' jinkiseb b'mod raġonevoli bl-applikazzjoni ta' prattiki tajba ta' manifattura.
- (11) Minħabba li qegħdin jiġu implimentati tekniki ġodda ta' manifattura li jirriżultaw fil-produzzjoni ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) b'livelli aktar baxxi tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol), jixraq li l-manifatturi ta' dan l-addittiv tal-ikel jingħataw perjodu tranżizzjonali biex jilhqqu livell massimu ta' 5 mg/kg għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) fl-addittiv tal-ikel E471. Madankollu, billi l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi għandhom il-potenzjal li jkun ġenotossiċi u karċinoġeniċi, jenħtieġ li japplika livell massimu intermedju ta' 10 mg/kg għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, minbarra fejn jintużaw fl-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽⁶⁾ EFSA Journal 2021;19(11):6885.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103).

⁽⁸⁾ Kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal iżgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

- (12) Meta jitqies li l-Awtorità ma identifikatx tħassib immedjat dwar is-saħħa relatat mal-preżenza tal-elementi tossiċi, l-aċidu eruċiku, is-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD), u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi, u l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi, jixraq li għal perjodu tranżizzjonali jiġi permess l-użu tal-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi E471 li tqiegħed fis-suq b'mod legali qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li jkun permess li l-oġġetti tal-ikel li jkun fihom dan l-addittiv, jibqgħu jitqiegħdu fis-suq fil-perjodu tranżizzjonali u jibqgħu fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar". Madankollu, minħabba l-vulnerabbiltà tat-trabi u tat-tfal iż-żgħar, l-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li ma jikkonformax mal-livell massimu għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi stabbilit f'dan ir-Regolament għall-użu fl-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar ma għandux jitħalla jiżdied ma' tali ikel wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk l-oġġetti tal-ikel tkun permessa biss jekk ikunu diġà tqiegħdu fis-suq b'mod legali qabel dik id-data.
- (13) Għall-istess raġunijiet u meta jitqies il-kontenut imnaqqas fih ta' ester gliċidiliċi tal-aċidi grassi, jenħtieġ li l-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jikkonforma mal-livell massimu intermedju mnaqqas għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) jitħalla jintuża sakemm jispiċċaw l-istokkijiet, u l-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-addittiv tal-ikel għandhom jitħallew jitqiegħdu fis-suq u jibqgħu fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tagħhom, jew "id-data sa meta jistgħu jintużaw l-aħħar".
- (14) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 231/2012 jiġi emendat skont dan.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jkun tqiegħed fis-suq b'mod legali qabel it-30 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju, għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi (espressi bħala 3-MCPD), jew għall-aċidu eruċiku, applikabbli mit-30 ta' Lulju 2023 jista' jiżdied mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u mar-Regolament (UE) 2023/915 sat-30 ta' Jannar 2024.

L-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel it-30 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) applikabbli mit-30 ta' Lulju 2023 jista' jinżied mal-ikel, minbarra l-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u mar-Regolament (UE) 2023/915 sat-30 ta' Jannar 2024.

L-ikel li fih l-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel it-30 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju, għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi (espressi bħala 3-MCPD) jew għall-aċidu eruċiku, applikabbli mit-30 ta' Lulju 2023 jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq sat-30 ta' Jannar 2024 u jista' jibqa' jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

L-ikel li fih l-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel it-30 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) applikabbli mit-30 ta' Lulju 2023 jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq sat-30 ta' Jannar 2024 u jista' jibqa' jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

L-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar li jkun tqiegħed fis-suq b'mod legali qabel it-30 ta' Lulju 2023 u li fih l-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li ma jikkonformax mal-limiti massimi tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) applikabbli mit-30 ta' Lulju 2023 jista' jibqa' jiġi kkummerċjalizzat sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

L-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jkun tqiegħed fis-suq b'mod legali wara t-30 ta' Lulju 2023 u sat-30 ta' Jannar 2024 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) applikabbli mit-30 ta' Jannar 2024 jista' jinżied mal-ikel, minbarra l-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

L-ikel, minbarra l-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, li fih l-addittiv tal-ikel mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi (E471) li jkun tqiegħed fis-suq b'mod legali wara t-30 ta' Lulju 2023 u sat-30 ta' Jannar 2024 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi (espressi bħala gliċidol) applikabbli mit-30 ta' Jannar 2024 jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq u jibqa' jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 471 MONO- U DIGLIĊERIDI TAL-AĊIDI GRASSI hi sostitwita b'dan li ġejj:

"E 471 MONO- U DIGLIĊERIDI TAL-AĊIDI GRASSI

Sinonimi	
Definizzjoni	<p>Il-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi jikkonsistu minn taħlitiet ta' mono-, di- u triesteri tal-gliċerol tal-aċidi grassi li jokkorru fiż-żjut u x-xaħmijiet tal-ikel. Dawn jista' jkun fihom ammonti żgħar ta' aċidi grassi ħielsa u gliċerol.</p> <p>Il-gliċerol użat għall-manifattura tal-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi jenħtieġ li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet għall-E 422.</p> <p>L-addittiv E 471 għandu jiġi prodott minn xaħmijiet u żjut li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-ikel għal xaħmijiet u żjut li jittieklu.</p>
Einecs	
Isem kimiku	
Formula kimika	
Piż molekolari	
Assaġġ	<p>Kontenut ta' mono- u diesteri: mhux anqas minn 70 %</p> <p>Kontenut tal-aċidu eruċiku, inkluż l-aċidu eruċiku marbut fil-mono/diglicerid:</p> <p>Mhux aktar minn 0,2 % (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)</p> <p>Mhux aktar minn 0,5 % (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar)</p>
Deskrizzjoni	<p>Il-prodott ivarja minn likwidu żejtne isfar ċar jew kannella ċar għal solidu iebes qisu tax-xama', abjad jew abjad kemxejn maħmuġ. Is-solidi jistgħu jkunu fl-għamla ta' laqx, trabijiet jew żibeġ żgħar.</p>
Identifikazzjoni	
Spettru tal-assorbiment infrared	Karatteristika ta' ester parzjali tal-aċidi grassi ta' poljol
Test għall-gliċerol	Jgħaddi t-test
Test għall-aċidi grassi	Jgħaddi t-test
Solubbiltà	Insolubbli fl-ilma, solubbli fl-etanol u fit-toluwen f' 50 °C
Purità	
Kontenut ta' ilma	Mhux aktar minn 2 % (metodu Karl Fischer)
Valur aċiduż	Mhux aktar minn 6
Gliċerol ħieles	Mhux aktar minn 7 %
Poligliċeroli	Mhux aktar minn 4 % ta' diglicerol u mhux aktar minn 1 % ta' poligliċeroli ogħla, it-tnejn ibbażati fuq il-kontenut totali tal-gliċerol
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ġomb	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg

Kadmju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u esteri tal-aċidi grassi 3-MCPD, espressi bħala 3-MCPD	Mhux aktar minn 0,75 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar) Mhux aktar minn 2,5 mg/kg (għall-użi kollha ħlief ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar)
Esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi, espressi bħala gliċidol	Mit-30 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Jannar 2024, mhux aktar minn 5 mg/kg jekk jiżdiedu mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar) u mhux aktar minn 10 mg/kg għall-użi l-oħra kollha. Mit-30 ta' Jannar 2024, mhux aktar minn 5 mg/kg għall-użi kollha.
Gliċerol totali	Mhux anqas minn 16 % u mhux aktar minn 33 %
Irmied sulfatat	Mhux aktar minn 0,5 % iddeterminat fi 800 ± 25 °C
Sapun	—

Il-kriterji tal-purità japplikaw għall-addittiv ħieles mill-imluħa tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju tal-aċidi grassi, madankollu dawn is-sustanzi jistgħu jkunu preżenti sa livell massimu ta' 6 % (espress bħala oleat tas-sodju)".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1429

tas-7 ta' Lulju 2023

li japprova l-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 89(1), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ⁽²⁾ jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li għandhom jiġu evalwati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dik il-lista tinkludi l-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku.
- (2) L-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku ġie evalwat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 18, insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra, kif deskritt fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li jikkorrispondi mat-tip 18 tal-prodotti, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) Spanja nħatret l-Istat Membru relatur u l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tagħha sottomettiet ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Kummissjoni fl-1 ta' Settembru 2010. Wara s-sottomissjoni tar-rapport tal-valutazzjoni, saru diskussjonijiet fl-aqgħat tekniċi organizzati mill-Kummissjoni u, wara l-1 ta' Settembru 2013, mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija").
- (4) Mill-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 isegwi li s-sustanzi li għalihom l-evalwazzjoni tal-Istati Membri tlestiet sal-1 ta' Settembru 2013 jenħtieġ li jiġu vvalutati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/8/KE.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali jħejji l-opinjoni tal-Aġenzija rigward l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi. F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali adotta l-opinjoni tal-Aġenzija ⁽⁴⁾ fit-22 ta' Novembru 2022, filwaqt li qies il-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

⁽⁴⁾ Biocidal Products Committee Opinion on the application for approval of the active substance *Chrysanthemum cinerariaefolium*, extract from open and mature flowers of *Tanacetum cinerariifolium* obtained with supercritical carbon dioxide; Product-type 18; ECHA/BPC/366/2022, adottata fit-22 ta' Novembru 2022.

- (6) F'dik l-opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li l-prodotti bijoċidali tat-tip 18 li fihom l-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku jistgħu jkunu mistennija jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punti (b), (c) u (d) tad-Direttiva 98/8/KE, dejjem jekk ikun hemm konformità ma' ċerti rekwiżiti li jirrigwardaw l-użu tagħhom.
- (7) Fid-dawl tal-opinjoni tal-Aġenzija, jixraq li l-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku jiġi approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 18 soġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.
- (8) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma tiġi approvata sustanza attiva, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' tħejjija biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* mill-fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 18 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Isem Komuni	Isem IUPAC Numri tal-Identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Data ta' skadenza tal-approvazzjoni	Tip tal-prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi
Estratt tal- <i>Chrysanthemum cinerariaefolium</i> permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku	Estratt tal- <i>Chrysanthemum cinerariaefolium</i> minn fjuri miftuħa u maturi tat- <i>Tanacetum cinerariifolium</i> miksub permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku Nru EC: 289-699-3 Nru CAS: 89997-63-7	100 % w/w	fl-1 ta' Frar 2025	fil-31 ta' Jannar 2035	18	L-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lill-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert minn applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhumiex indirizzati fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni; (2) il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lil: i. l-utenti professjonali u l-pubbliku ġenerali; ii. l-ilma tal-wiċċ u s-sediment għall-prodotti li jiġu applikati permezz ta' bexx fuq skala kbira fuq barra; (3) għandu jiġi vvalutat jekk hemmx bżonn jiġu stabbiliti livelli massimi tar-residwi (MRLs), jew jekk għandhomx jiġu emendati l-MRLs eżistenti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jew mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ għall-prodotti li jistgħu jwasslu biex ikun hemm ir-residwi fl-għalf jew fl-ikel, u għandhom jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju kollha biex ikun żgurat li dawn l-MRLs ma jinqabżux.

⁽¹⁾ Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata. Is-sustanza attiva fil-prodott li jitqiegħed fis-suq tista' tkun tal-istess purità jew ta' purità differenti jekk ikun ġie ppruvat li hija ekwivalenti teknikament għas-sustanza attiva evalwata.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2023/1430 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Marzu 2023

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju — EGF/2022/002 BE/TNT

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieġ deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinjom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieġ sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ⁽³⁾.
- (3) Fit-18 ta' Ottubru 2022, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni biex jimmobilizza l-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'TNT Express Worldwide (Euro Hub) SRL (TNT) fil-Belġju. Din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali mogħtija f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Hija tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (4) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 956 397 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

⁽¹⁾ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

⁽²⁾ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2023, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 956 397 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Hija għandha tapplika mill-15 ta' Marzu 2023.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Marzu 2023.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
R. METSOLA

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1431**tat-30 ta' Ġunju 2023****dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw mir-
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet reġistrati taħt ir-Regolament (KE) Nru 703/96 ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/45 tal-20 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1379 dwar l-estensjoni tad-dazju tal-anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti komponenti tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 ⁽³⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 tal-Kunsill, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 tal-Kunsill ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli minn 4 sa 7 tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Dazju anti-dumping japplika fuq l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") ("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni tad-dazju anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 71/97, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li ma jevitawx id-dazju anti-dumping.
- (3) Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni") li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.
- (4) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni eżentat għadd ta' persuni li jimmuntaw ir-roti mid-dazju estiż ("il-partijiet eżentati").

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.⁽²⁾ ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.⁽³⁾ ĠU L 16, 21.1.2020, p. 7.⁽⁴⁾ ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.

- (5) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/611 ⁽⁵⁾ tas-17 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-lista aġġornata tal-partijiet li qed jiġu eżaminati u l-lista tal-partijiet eżentati.
- (6) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

1. TALBIET GĦAL EŻENZJONI

- (7) Bejn il-15 ta' Lulju 2020 u l-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-partijiet elenkati fit-Tabelli 1 u 2, talbiet għal eżenzjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddetermina jekk dawn it-talbiet kinux ammissibbli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' eżenzjoni.
- (8) Il-partijiet li talbu eżenzjoni ngħataw il-possibbiltà li jikkumentaw dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni rigward l-ammissibbiltà tat-talbiet tagħhom.
- (9) Il-kummenti li waslu mingħand Decathlon Sp. z o.o. il-Polonja, relatati mad-data effettiva tas-sospensjoni tal-pagamenti tad-dazji għall-partijiet li qed jiġu eżaminati ġew indirizzati u rifjutati fil-premessi minn (22) sa (27) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 tas-26 ta' Awwissu 2022 ⁽⁶⁾.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet mill-partijiet li qed jitolbu eżenzjoni, il-pagament tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn dawn il-partijiet elenkati fit-Tabelli 1 u 2 ta' hawn taħt ġie sospiż mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet it-talbiet debitament sostanzjati rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament ta' eżenzjoni.

2. L-AWTORIZZAZZJONI TA' EŻENZJONI

- (11) L-eżami tal-mertu tat-talba mill-parti elenkata fit-Tabella 1 ġiet konklużi.

Tabella 1

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
C720	Propain Bicycles GmbH	Schachenstraße 39, 88267 Vogt, Il-Ġermanja

- (12) Matul l-eżami tagħha, il-Kummissjoni stabbiliet li l-valur tal-partijiet li joriġinaw fiċ-Ċina jikkostitwixxi anqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet tar-roti kollha mmuntati mill-parti elenkata fit-Tabella 1.
- (13) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjonijiet ta' immuntar tal-parti elenkata fit-Tabella 1 jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.
- (14) Għal din ir-raġuni, u f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-parti elenkata fit-Tabella 1 issodisfat il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiż.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/611 tas-17 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/97 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, tad-dazju antidumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 (ĠU L 80, 20.3.2023, p. 67), Anness II.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 tas-26 ta' Awwissu 2022 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 229, 5.9.2022, p. 69).

- (15) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tidħol fis-seħħ mid-data tal-wasla tat-talba li tkun debitament sostanzjata skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Id-dejn doganali fir-rigward tad-dazju estiż mill-parti li qed titlob eżenzjoni jenħtieġ li, għalhekk, jitqies null mill-istess data.
- (16) Il-parti interessata ġiet infurmata bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-mertu tat-talbiet tagħha u ngħatat opportunità biex tikkummenta fuqhom.
- (17) Peress li l-eżenzjoni tapplika biss għall-parti speċifikament imsemmija fit-Tabella 1, jenħtieġ li l-parti eżentata tinnotifika lill-Kummissjoni ⁽⁷⁾ mingħajr dewmien dwar kull tibdil għal din l-eżenzjoni (pereżempju, wara li jinbidel l-isem, il-forma ġuridika jew l-indirizz jew wara li jitwaqqfu entitajiet ġodda tal-immuntar).
- (18) F'każ li r-referenza tinbidel, jenħtieġ li l-parti eżentata tipprovdi l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attività tagħha marbuta ma' operazzjonijiet tal-immuntar. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal tali parti.

3. SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZZI GĦALL-PARTIJET LI QED JIĠU EŻAMINATI

- (19) L-eżami tal-mertu tat-talbiet mill-partijiet elenkati fit-Tabella 2 għadu għaddej. Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet tagħhom, il-pagament tad-dazju estiż mingħand dawn il-partijiet huwa sospiż.
- (20) Billi s-sospensjonijiet japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 2, jenħtieġ li dawn il-partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni ⁽⁸⁾ minnufih dwar kwalunkwe bidla fihom (pereżempju wara bidla fl-isem, fil-forma ġuridika jew fl-indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-immuntar).
- (21) F'każ ta' bidla fir-referenza, jenħtieġ li l-parti kkonċernata tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż dwar kull modifika fl-attivitàjiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet tal-immuntar. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi ta' tali parti.

Tabella 2

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
C557	Berria Bike S.L.	Calle Blasco de Garay 19, 02600 Villarrobledo, Spanja
C860	Profil Bicycles CZ s.r.o.	Hněvotín 31, 783 47 Hněvotín, Ir-Repubblika Ċeka
C863	Decathlon Sp. z o.o.	ul. Geodezyjna 76, 03-290 Warszawa, Il-Polonja
C896	Cyclision s.r.o.	Štefánikova 68, 921 01 Piešťany, Is-Slovakkja
C991	Bicicletas Mendiz S.A.	C/Zuazobidea 22, 01015 Vitoria-Gasteiz (Álava-Araba), Spanja
899I	Adrisport sas	Z.A. de Bellevue 7, 56390 Colpo - Franza

⁽⁷⁾ Il-parti hija avżata li tuża l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

⁽⁸⁾ Il-partijiet huma mogħtija l-parir jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

4. AĠĠORNAMENT TAR-REFERENZI GĦALL-PARTIJET EŻENTATI

- (22) Bejn it-28 ta' Ġunju 2022 u l-10 ta' Marzu 2023, il-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 3 innotifikaw lill-Kummissjoni bil-bidliet fisimhom u fl-indirizzi tagħhom. Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni ppreżentata, ikkonkludiet li dawn il-bidliet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-operazzjonijiet tal-immuntar fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni jew sospensjoni stabbiliti fir-Regolament ta' eżenzjoni.
- (23) Filwaqt li l-eżenzjoni ta' dawn il-partijiet mid-dazju estiż awtorizzata skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni tibqa' mhux affettwata, ir-referenzi għal dawn il-partijiet jenħtieġ li jiġu aġġornati.

Tabella 3

Kodiċi addizzjonali TARIC	Referenza preċedenti	Bidla
C009	Derby Cycle Werke GmbH Siemensstraße 1-3 49661 Cloppenburg, Il-Ġermanja	L-isem u l-indirizz ta' din il-parti eżentata nbidlu għal: Kalkhoff Werke GmbH Europa-Allee 26, 49685 Emstek, Il-Ġermanja
A576	Race Production NV Beverlosesteenweg 85, 3583 Beringen, Il-Belġju	L-isem ta' din il-parti eżentata nbidel għal: Belgian Cycling Factory NV
A726	Unibike OEM Factory S.A. Żona Industrial de Oiã, Lote C-21, 3770 059 Oiã, Il-Portugall	L-indirizz ta' din il-parti nbidel għal: Parque Empresarial de Soza B, Lt 3,4,10,11, 3840 342 Soza-Vagos, Il-Portugall

5. TALBA GĦAL EŻENZJONI DDIKJARATA INAMMISSIBBLI

- (24) Fit-8 ta' Lulju 2022, il-parti elenkata fit-Tabella 4 ippreżentat talba għal eżenzjoni li nstab li kienet inammissibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' eżenzjoni, minħabba li ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4(1) u 4(2).

Tabella 4

Isem	Indirizz
Cycle Center 53-11 BV	Van Heemstraweg-Oost 4, 5301 KE Zaltbommel – In-Netherlands

- (25) Il-parti elenkata fit-Tabella 4 ġiet informata dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u nġhatat l-opportunità tikkummenta dwarhom. Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

6. IL-PARTI LI GĦALIHA L-AWTORIZZAZZJONI TA' EŻENZJONI HIJA REVOKATA

- (26) Fit-8 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ġiet innotifikata li l-parti eżentata elenkata fit-Tabella 5, iffinalizzat u temmet l-attivitàjiet tagħha. B'mod partikolari, fit-18 ta' Lulju 2022 il-Qorti Taljana stabbiliet il-falliment ta' Cicli Elios srl.
- (27) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtorizzazzjoni għal eżenzjoni mogħtija lil Cicli Elios srl jenħtieġ li tiġi revokata mit-18 ta' Lulju 2022, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' eżenzjoni.
- (28) Il-parti elenkata fit-Tabella 5 ġiet informata bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u nġhatat l-opportunità tikkummenta dwarhom.

- (29) Cicli Elios srl ikkummentat billi talbet lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid ir-revoka tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni tagħha.
- (30) Il-Kummissjoni, wara li debitament ivvalutat it-talba, ikkonkludiet li ma ġie ppreżentat l-ebda argument ġdid insostenn ta' rivalutazzjoni tal-konklużjonijiet żvelati preċedentement. Għaldaqstant, ir-revoka tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni ġiet ikkonfermata u għaldaqstant il-parti ġiet informata.

Tabella 5

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
8605	Cicli Elios srl	Via G. Ferraris 996/1030, 45021 Badia Polesine (RO) - L-Italja

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parti elenkata fit-Tabella f'dan l-Artikolu hija b'dan eżentata mill-estensjoni bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju anti-dumping definittiv fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 fuq importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, l-eżenzjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tal-wasla tat-talba tal-parti l quddiem. Din id-data hija indikata fil-kolonna intitolata "Id-data effettiva".

L-eżenzjoni għandha tapplika biss għall-parti speċifikament imsemmija fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Il-parti eżentata għandha tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih, b'kull bidla fl-isem u fl-indirizz, waqt li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet tal-immuntar fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Il-parti eżentata

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Id-data effettiva
C720	Propain Bicycles GmbH	Schachenstraße 39, 88267 Vogt - Il-Ġermanja	1.7.2021

Artikolu 2

Il-partijiet elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu qed jiġu eżaminati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjonijiet tal-pagament tad-dazju anti-dumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 għandhom ikunu effettivi b'seħħ mid-dati li fihom jaslu t-talbiet għas-sospensjoni tal-partijiet rispettivi. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Dawn is-sospensjonijiet tal-pagamenti għandhom japplikaw biss għall-partijiet li qed jiġu eżaminati speċifikament imsemmija fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fl-operazzjonijiet tal-immuntar tagħhom marbuta mal-kundizzjonijiet ta' sospensjoni u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha bħala evidenza. Dawn il-bidliet jinkludu kwalunkwe tibdil fl-ismijiet, fl-attivitajiet, fil-forom ġuridiċi u fl-indirizzi tal-partijiet, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Id-data effettiva
C557	Berria Bike S.L.	Calle Blasco de Garay 19, 02600 Villarrobledo - Spanja	30.3.2022
C860	Profil Bicycles CZ s.r.o.	Hněvotín 31, 783 47 Hněvotín, Ir-Repubblika Ċeka	20.2.2022
C863	Decathlon Sp. z o.o.	ul. Geodezyjna 76, 03-290 Warszawa, Il-Polonja	21.3.2022
C896	Cyclision s.r.o.	Štefánikova 68, 921 01 Piešťany, Is-Slovakkja	8.8.2022
C991	Bicicletas Mendiz S.A.	C/Zuazobidea 22, 01015 Vitoria-Gasteiz (Álava-Araba), Spanja	26.10.2022
899I	Adrisport sas	Z.A. de Bellevue 7, 56390 colpo, Franza	21.4.2023

Artikolu 3

Ir-referenzi aġġornati għall-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu huma previsti fil-kolonna intitolata "Referenza ġdida". Dawn l-aġġornamenti għandhom jidhru fis-seħħ fid-dati previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ" tat-Tabella.

Il-kodiċijiet addizzjonali TARIC korrispondenti li qabel kienu attribwiti lil dawk il-partijiet eżentati kif previst fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Kodiċi addizzjonali TARIC" jibqgħu l-istess.

Il-partijiet eżentati jew sospiżi li għalihom għandha tiġi aġġornata r-referenza

Kodiċi addizzjonali TARIC	Referenza preċedenti	Referenza ġdida	Id-data effettiva
C009	Derby Cycle Werke GmbH Siemensstraße 1-3 49661 Cloppenburg, Il-Ġermanja	Kalkhoff Werke GmbH Europa-Allee 26, 49685 Emstek, Il-Ġermanja	1.7.2022
A576	Race Production NV Beverlosesteenweg 85, 3583 Beringen, Il-Belġju	Belgian Cycling Factory NV Beverlosesteenweg 85, 3583 Beringen, Il-Belġju	9.2.2023
A726	Unibike OEM Factory S.A. Żona Industrial de Oiã, Lote C-21, 3770 059 Oiã, Il-Portugall	Unibike OEM Factory S.A. Parque Empresarial de Soza B, Lt 3,4,10,11, 3840 342 Soza-Vagos, Il-Portugall	19.4.2023

Artikolu 4

It-talba għal eżenzjoni ppreżentat mill-parti elenkati fit-Tabella ta' dan l-Artikolu hija inammissibbli u għalhekk miċħuda f'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Din iċ-ċaħda għandha tiegħu effett b'seħħ mid-data prevista fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

Parti li għaliha t-talba ta' eżenzjoni ġiet miċħuda

Isem	Indirizz	Id-data effettiva
Cycle Center 53-11 BV	Van Heemstraweg-Oost 4, 5301 KE Zaltbommel, In-Netherlands	28.7.2022

Artikolu 5

L-awtorizzazzjoni tal-eżenzjoni mill-pagament tad-dazju anti-dumping estiż hija b'dan revokata għall-parti elenkata fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Din ir-revoka għandha tiegħu effett b'seħħ mid-data prevista fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

Il-parti li għaliha l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni hija revokata

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Id-data effettiva
8605	Cicli Elios srl	Via G. Ferraris 996/1030, 45021 Badia Polesine (RO), L-Italja	18.7.2022

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partijiet elenkati fl-Artikoli minn 1 sa 5 u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Valdis DOMBROVSKIS
Vċi President Eżekuttiv

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1432

tas-7 ta' Lulju 2023

dwar l-estensjoni tal-azzjoni meħuda mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sustanzi Kimiċi li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2023) 4493)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Settembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sustanzi Kimiċi ("l-awtorità kompetenti tal-Ġermanja") adotta deċiżjoni biex ikunu jistgħu jsiru t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF mill-utenti professjonali għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru ("l-azzjoni") mis-7 ta' Ottubru 2022 sal-5 ta' April 2023. F'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni u bil-ġustifikazzjoni għaliha.
- (2) Skont l-informazzjoni li tat l-awtorità kompetenti tal-Ġermanja, l-azzjoni kienet meħtieġa biex titħares is-saħħa pubblika. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru hija kkawżata minn mikroorganizi, bħall-batterji, il-moffa u l-ħmira, li jikbru fl-ilma qiegħed u jieħdu vantaġġ mill-idrokarburi fil-fjuwil fl-interfaċċa bejn il-fjuwil u l-ilma. Mingħajr trattament, il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru tista' twassal għal funzjonament ħażin tal-magni tal-inġenji tal-ajru, u tipperikola l-ajrunavigabbiltà tagħhom, u b'hekk tipperikola s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ. Il-prevenzjoni u t-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, meta tiġi identifikata, huma għalhekk kruċjali sabiex jiġu evitati problemi operattivi fl-inġenji tal-ajru.
- (3) Biobor JF fiħ 2,2'-(1-metiltrimetilendiossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) (in-numru CAS 2665-13-6) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) (in-numru CAS 14697-50-8) bħala sustanzi attivi. Biobor JF huwa prodott bijoċidali tat-tip ta' prodott 6, ("preservattivi għal prodotti matul il-ħżin"), kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. 2,2'-(1-metiltrimetilendiossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) ma ġewx evalwati għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 6. Billi daww is-sustanzi mhumiex elenkati fost il-kombinamenti ta' sustanzi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami fis-17 ta' Marzu 2022, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ⁽²⁾, mhumiex inklużi fil-programm ta' ħidma tal-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li hemm fil-prodotti bijoċidali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għaldaqstant, l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ma japplikax għal daww is-sustanzi attivi u dawn għandhom jiġu vvalutati u approvati qabel ma l-prodotti bijoċidali li jkunu fihom ikunu jistgħu jiġu awtorizzati wkoll fil-livell nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294 10.10.2014, p. 1).

- (4) Fis-27 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti tal-Ġermanja biex tippermetti l-estensjoni tal-azzjoni f'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. It-talba motivata saret abbażi ta' tħassib li s-sikurezza tat-trasport tal-ajru tista' tkompli tiġi pperikolata mill-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru u abbażi tal-argument li Biobor JF huwa essenzjali biex tiġi kkontrollata din il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.
- (5) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-Ġermanja, l-uniku prodott bijoċidali alternattiv rakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni tal-inġenju tal-ajru għat-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika (jiġifieri, Kathon™ FP 1.5) ġie rtirat mis-suq f'Marzu tal-2020 minħabba anomaliji severi fl-imġiba tal-magni tal-inġenji tal-ajru li kienu osservati wara t-trattament b'dak il-prodott. Għalhekk, Biobor JF huwa l-uniku prodott disponibbli għal dak l-użu rakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni tal-inġenji tal-ajru.
- (6) Kif indikat mill-awtorità kompetenti tal-Ġermanja, it-tindif manwali tat-tankijiet tal-fjuwil huwa possibbli biss meta sar isir skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur. Madankollu, ħafna drabi t-tindif manwali jkun akkumpanjat minn trattament bijoċidali, kif meħtieġ skont proċeduri tal-avjazzjoni miftiehma, u jeħtieġ ir-rimi tal-fjuwil tal-avjazzjoni kkontaminat kollu, u xogħol impenjattiv fiżikament u mentalment fit-tank dejjaq tal-fjuwil skont bosta prekawżjonijiet tas-sikurezza. Għalhekk, it-tindif manwali tat-tankijiet tal-fjuwil jenħtieġ li jiġi evitat kemm jista' jkun.
- (7) Skont l-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, il-manifattur ta' Biobor JF ħa passi għal awtorizzazzjoni tal-prodott. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li fih Biobor JF hija mistennija li tiġi ppreżentata fl-ewwel nofs tal-2024. L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni possibbli tal-prodott bijoċidali jkunu jikkostitwixxu soluzzjoni permanenti għall-futur, iżda dawk il-proċeduri jeħtieġu ammont sinifikanti ta' żmien biex jitlestew.
- (8) In-nuqqas ta' kontroll tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru jista' jipperikola s-sikurezza tat-trasport bl-ajru, u dak il-periklu ma jistax jittrażżan biżżejjed bl-użu ta' prodott bijoċidali ieħor jew b'mezzi oħra. Għaldaqstant jixraq li l-awtorità kompetenti tal-Ġermanja titħalla testendi l-azzjoni.
- (9) Billi l-azzjoni skadiet fil-5 ta' April 2023, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika b'mod retroattiv.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sustanzi Kimiċi jista' jestendi l-azzjoni sas-7 ta' Ottubru 2024 biex ikunu jistgħu jsiru t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF mill-utenti professjonali għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sustanzi Kimiċi.

Għandha tapplika mis-6 ta' April 2023.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)